MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 408/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. David Saliba)**
**Vs**
**Maria Carmela Borg**
**Paul Borg**
**Ruth Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' qabel il-31 ta' Dicembru, 2008, fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija "Nigret Ltd" li hija sitwata f'Medina Home for the Elderly, 29, Nigret Road, Rabat, naqsu li jaraw li kull parank jew "lift" installat f'post tax-xoghol that il-kontroll taghhom, cioe' l-fond hawn fuq imsemmi, jigi ezaminat minn persuna kompetenti darba f'kull sitt xhur u jibghatu kopja ta' dan ic-certifikat lil Awtorita' Kompetenti u dan ai termini ta' l-artikolu 3(2)(3)

ta’ l-Avviz Legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Ottubru, 2009, li biha, wara li rat ir-regolament 3(2)(3) tal-Avviz Legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations), sabet lill-appellanti hatja w ikkundannathom multa ta’ erba’ mija w sitta w sittin Euro (€466) kull wiehed.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fis-6 ta’ Novembru, 2009, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellanti minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-ligi li tirregola l-ispezzjonijiet u l-ezamijiet tal-lifts illum hija l-Avviz Legali Numru 231 ta’ l-2007 u mhux dak citat mill-prosekuzzjoni (A.L. 47 ta’ l-1964).
Illi l-Avviz Legali 231 ta’ l-2007 verament jipprovdi f’Regolament numru tmienja (8) tieghu illi dawn l-ispezzjonijiet iridu jsiru darba kull sitt xhur. L-ewwel aggravju proprjament pero’ hu illi l-appellanti gew akkuzati ta’ reat li ma jezistix, ghaliex, anke kif wal ix-xhud Kevin Gauci nnifsu, rapprezentant ta’ l-Occupational Health and Safety Authority, il-ligi issa nbidlet, u dan b’referenza ghall-fatt illi qed japplika l-Avviz Legali ta’ l-2007. B’hekk jigi illi l- appellanti gew akkuzati ghal reat li ma jezistix, that ligi li nbidlet.
2. Illi l-akkuza hija cara “akkuzati talli fix-xhur ta’ qabel il-31 ta’ Dicembru, 2008, fil-kapacita’ taghhom ta’ Diretturi tal-kumpanija “Nigret Ltd”… ecc. L-akkuza allura qed tirreferi specifikatament ghall-perjodu ta’ qabel il-31 ta’ Dicembru, 2008 u kien f’dan il-perjodu allura li kellu jigi ppruvat illi l-appellant kienu Diretturi tal-kumpanija Nigret

Ltd., u li allura se mai kienu responsabbli ghall-istess lift. Din il-prova pero’ ma ngabitx, ghaliex ix-xhud Susan Deguara, li telghet tixhed bhala rapprezentanta ta’ l-MFSA qabel kemm viva voce, u kif ukoll permezz ta’ document li huwa issa pprezentat fl-atti tal-kawza, illi l-appellanti kienu diretturi “as at 31 December 2008”. Din ix-xiehda u document fihom infushom ma jippruvawx illi l-appellanti kienu diretturi qabel dik id-data, u kwalunkwe prezunzjoni li kienu diretturi qabel il-31 ta’ Dicembru, 2008 hija biss kongettura w ma harget minn imkien fil-provi. Ghal dan il-punt ukoll, l-akkuza ma tregix.
Illi di piu’ ghandu jinghad, illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku l-appellanti kienu diretturi fiz-zmien ta’ qabel il-31 ta’ Dicembru, 2008, ried jigi pruvat mill-prosekuzzjoni illi l-kumpanija li taghha kienu Diretturi kienet responsabbli ghat-tmexxija tal-lok fejn kien jinsab il-lift, liema prova baqghet ma ngabitx. Mic-certifikati li gew esebiti mix-xhud Kevin Gauci nnifsu, il-persuna responsabbli hija indikata bhala “The Management, Medina Home”. Fl-ebda moment ma tissemma l-kumpanija Nigret Ltd. Fil-fatt ix-xhud Kevin Gauci ikkonferma li kien kellem lill-appellanti Maria Carmela Borg li qaltlu li kienet tmexxi l-post. Pero’ l-kumpanija Nigret Ltd ma ssemietlu qatt.

Ikkunsidrat :

Fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti qeghdin jargumentaw illi gew akkuzati b’reati li ma jezistux peress illi r-regolament applikabbli ma kienx dak ikkwotat fic-citazzjoni, izda l-Avviz Legali 231/07. Huwa veru illi r-regolament numru 8 tal-Avviz Legali fuq imsemmi jobbliga spezzjonijiet tal-lifts darba kull sitt xhur pero’, l-Qorti tirreleva li dan l-Avviz Legali jistipula illi tali spezzjonijiet kellhom jibdew fl-1 ta’ Jannar 2009 mentri l-appellanti huma akkuzati illi kissru r-regolamenti tal-Avviz Legali 47/1964 fix-xhur qabel il-31 ta’ Dicembru 2008 u cioe’ qabel kellu jigi fis-sehh ir-regolament 8 tal-Avviz Legali 231/07. Ghalhekk f’dan ix-xenarju kien jidhol fis-sehh ukoll l-artikolu 12 (1) tal-Kap. 249 li huwa l-Att dwar l-Interpretazzjoni, f’liema kaz allura l-Avviz Legali 47/1964

kellu japplika fil-konfront tal-appellanti darba jirrizulta illi dawna kienu diretturi fid-dati fuq imsemmija.

Fuq dan il-Qorti ghandha l-konfort tad-dokument a fol. 10 li huwa dokument ufficjali mill-MFSA fejn jiddikara illi fil-31 ta' Dicembru 2008 l-appellanti kienu diretturi tal-kumpanija Nigret Ltd illi kienet tiggestixxi l-"Medina Home for the Elderly".

Jekk l-appellanti riedu jikkontestaw dak id-dokument jew il-kontenut tieghu kellhom l-opportunita' kollha biex jaghmlu dan quddiem l-Ewwel Qorti. F'sitwazzjoni bhal din ikun hemm "shift" tal-"evidential burden". Gie pprezentat dokument illi fih prova illi jekk ma tigix kontestata allura f'dak il-kaz il-Qorti jkollha kull ragun illi tiehu l-kontenut bhala prova ta' dak illi nghad. La l-appellanti ma kkontestawx dak id-dokument allura din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandix toqghod fuqha w huwa inutili illi l-appellanti jippruvaw jitfghu xi dubju u jghidu illi m'hemmx prova illi qabel il-31 ta' Dicembru, 2008 huma kienu diretturi tan-Nigret Ltd.

Mill-bqija tal-aggravji l-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha provi bizzejjed sabiex tasal ghall-konkluzzjoni taghha. Minn dawn il-provi l-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli u legalment korretta biex tasal fejn waslet u ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------